

Brussell, 18 ta' Frar 2022  
(OR. fr)

6322/22

LIMITE

COPEN 50  
JAI 204  
CYBER 54  
JAIEX 16  
ENFOPOL 76  
TELECOM 58  
DATAPROTECT 38  
EJUSTICE 22  
MI 116  
CODEC 166

---

**Fajls Interistituzzjonali:**  
2018/0108(COD)  
2018/0107(COD)

---

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	5949/22
Suġġett:	Regolament dwar l-Ordinijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika Direttiva dwar ir-rappreżentanti legali għall-ġbir ta' evidenza - Rapport dwar il-progress

---

Kuntest ġenerali

Dawn iż-żewġ proposti għal regolament u direttiva ġew adottati mill-Kummissjoni f'April 2018. Wara l-adozzjoni ta' approċċ ġenerali mill-Kunsill u rapport mill-Parlament, bdew it-trilogi fi Frar 2021. Il-Presidenza Portugiża u dik Slovena rnexxielhom jilhqax xi ftehimiet proviżorji dwar ċerti dispożizzjonijiet. Madankollu, għad hemm differenzi sostanzjali bejn il-pożizzjonijiet tal-leġiżlaturi, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli dwar is-sistema ta' notifika tal-ordinijiet. Dawn id-differenzi wasslu għal nuqqas ta' progress sinifikanti għal diversi xhur, peress li l-aħħar trilogu politiku sar f'Lulju 2021.

### Metodu tal-Presidenza

F'dan il-kuntest, il-Presidenza Franċiża pproponiet metodoloġija bbażata fuq approċċ globali għal dawn it-testi. Il-Presidenza identifikat il-kwistjonijiet kollha mqajma minn dawn l-istrumenti. Hija qasmithom f'ħames temi ewlenin, li jiffurmaw l-oġġettivi għal dan in-negozjar: definizzjoni preċiża tal-kamp tal-applikazzjoni tal-istrumenti, reġim ta' notifika bbilanċjat, garanzija dwar id-drittijiet tal-persuni, regoli effettivi għall-infurzar tal-ordnijiet u trattament b'rispett tal-evidenza miksuba<sup>1</sup>. Hija pproponiet li dawn jiġu eżaminati waħda waħda, filwaqt li enfasizzat il-korrispondenza bejn id-dispożizzjonijiet li jservu l-istess għan.

### Ħidma fil-Kunsill

Għal dan il-għan, il-Presidenza organizzat diversi laqgħat fil-Kunsill biex tanalizza dawn l-oġġettivi wieħed wieħed. F'dawn id-diskussjonijiet, id-dispożizzjonijiet eżaminati sistematikament kienu jinkludu l-proposti l-ġodda tal-Parlament. Fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni f'Materji Kriminali (COPEN), ġew eżaminati suċċessivament: fit-12 ta' Jannar, id-definizzjoni preċiża tal-kamp tal-applikazzjoni, fil-31 ta' Jannar ir-regoli tal-infurzar u fis-7 ta' Frar it-trattament b'rispett tal-evidenza miksuba. Il-Presidenza għażlet li teżamina l-oġġettivi finali (notifika bbilanċjata u r-rispett għad-drittijiet fundamentali) f'laqgħa tal-CATS fit-8 ta' Frar. Wara dawn id-diskussjonijiet, il-Presidenza stabbiliet stampa ċara u sħiħa tal-pożizzjoni tal-Istati Membri dwar dawn is-suġġetti kollha.

---

<sup>1</sup> 15243/21.

### Kuntatti mal-Parlament

Minn Jannar 2022, il-Prezidenza kienet f'kuntatt informali u regolari mal-Parlament. Ir-rapporteur reċentement ressaq żewġ proposti, waħda fl-20 ta' Diċembru 2021 u l-oħra fit-2 ta' Frar 2022. Wara dawn il-kuntatti, il-Prezidenza organizzat trilogu tekniku fid-9 ta' Frar, ħames xhur wara l-aħħar laqgħa ta' dan it-tip. Din il-laqgħa tat tveġibiet għall-mistoqsijiet li tqajmu mill-Istati Membri dwar l-aħħar proposti mressqa mill-Parlament. Ippermettiet ukoll lill-Prezidenza tippreżenta l-metodu ta' ħidma tagħha, l-oġettivi tagħha u l-punti prinċipali tal-pożizzjoni tal-Kunsill dwar dan il-pakkett leġiżlattiv, li hija identifikat bħala prijorità.

### Prospetti

Il-Prezidenza ser tkompli bl-isforzi tagħha biex tilħaq kompromess ġenerali u bbilanċjat. L-intenzjoni tagħha hija li tibqa' torganizza laqgħat formali mal-Parlament, filwaqt li sserraħ fuq kuntatti informali biex tikkontribwixxi għal dan id-djalogu istituzzjonali. Il-ħidma fil-Kunsill ser tkompli wkoll, fil-fora kollha tiegħu: fil-Gruppi ta' Ħidma, fil-COREPER u fil-Kunsill tal-Ministri.